Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje C

C/2024/5979

3.10.2024

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tat-24 ta' Settembru 2024

## li tissostitwixxi membru supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-Ġermanja

(C/2024/5979)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tal-24 ta' Frar 2022 ([2]), il-Kunsill ħatar membri u membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perjodu mill-1 ta' Marzu 2022 sat-28 ta' Frar 2025.

(2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sa Katrin WILLNECKER sar vakanti siġġu ta' membru supplenti fil-kategorija tar-rappreżentanti tat-trade unions.

(3) Il-Gvern tal-Ġermanja ppreżenta kandidat għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sur Markus NÖTHEN huwa maħtur membru supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol minflok is-Sa Katrin WILLNECKER għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fit-28 ta' Frar 2025.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-24 ta' Settembru 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

BÓKA J.

---

([1]) ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1.

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Frar 2022 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (ĠU C 92, 25.2.2022, p. 1).